

Brussell, 5 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13535/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0114(COD)

CODEC 1784
TRANS 477
FISC 428
ENV 689
PE 145

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, 22-25 ta' Ottubru 2018)

I. INTRODUEZZJONI

Ir-relatur, is-Sa Christine REVAULT D'ALLONNES BONNEFOY (S&D, FR), ippreżentat rapport dwar il-proposta għal Direttiva f'isem il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu. Ir-rapport fih 131 emenda (l-emendi 1-131) għall-proposta.

Barra minn hekk, il-gruppi politiċi ressqu l-emendi li ġejjin: Il-Ħodor/AHE ressqu disa' emendi (l-emendi 133-141), l-EFDD ressqu emenda waħda (l-emenda 132) u l-ENF ressqu tletin emenda (l-emendi 142-171). Emenda waħda (l-emenda 172) tressqet minn aktar minn 38 Membru tal-Parlament Ewropew.

II. VOTI

Meta vvotat fil-25 ta' Ottubru 2018, il-plenarja adottat l-emendi li ġejjin: 1-4, 5 (l-ewwel parti), 6-8, 10-18, 20-25, 27-44, 46 (l-ewwel parti), 47-59, 61-70, 72, 75-131 u 164.

Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness hawnhekk¹.

¹ Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet fit-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

Il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi *I**

Risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (COM(2017)0275 – C8-0171/2017 – 2017/0114(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0275),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 91(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0171/2017),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni motivata preżentata mill-Kunsill Federali Awstrijak, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġislattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2017²,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni tal-1 ta' Frar 2018³,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A8-0202/2018),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

² ĠU C 81, 2.3.2018, p. 188.

³ ĠU C 176, 23.5.2018, p. 66.

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) F'dik il-White Paper, il-Kummissjoni stabbiliet skadenza sal-2020 biex "tipproċedi lejn internalizzazzjoni sħiħa u obbligatorja tal-ispejjeż esterni (inklużi l-istorbju, it-tniġġis lokali u l-konġestjoni apparti l-irkupru obbligatorju tal-ispejjeż tat-tkagħbir bl-użu) għat-trasport bit-triq u bil-ferrovija".

Emenda 2

Proposta għal direttiva

Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) Il-moviment tal-vetturi tal-merkanzija u tal-passiġġieri huwa fattur li jikkontribwixxi għall-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu fl-atmosfera. Tali sustanzi li jniġġsu, li għandhom impatt kbir ħafna fuq is-saħħa tan-nies u jwasslu għad-deterjorament tal-kwalità tal-arja ambjentali fl-Ewropa, jinkludu l-PM_{2,5}, l-NO₂ u l-O₃. Fl-2014, dawk it-tliet sustanzi li jniġġsu kkaġunaw rispettivament 399 000, 75 000 u 13 600 każ ta' mewt prematur fl-Unjoni minħabba esponiment fit-tul, skont l-estimi tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ippubblikati fl-2017.

Emenda 3

Proposta għal direttiva

Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1c) Skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, l-istorbju mit-traffiku fit-toroq waħdu huwa t-tieni fattur ta' stress ambjentali l-aktar dannuż fl-Ewropa, eżatt wara t-tniġġis tal-arja. Mill-inqas

*9 000 każ ta' mewt prematur fis-sena
jistgħu jiġu attribwiti lill-mard tal-qalb
ikkawżat mill-istorbju mit-traffiku.*

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 1d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1d) Skont ir-rapport tal-2017 tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent dwar il-kwalità tal-arja fl-Ewropa, fl-2015 it-trasport bit-triq kien is-settur bl-aktar emissjonijiet ta' NOx u t-tieni għas-sustanzi li jniġġsu li jkunu ġejjin mill-iswed tal-karbonju.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) Il-vetturi **heavy-duty** kollha għandhom impatt sinifikanti fuq l-infrastruttura tat-toroq u jikkontribwixxu għat-tniġġis tal-arja **filwaqt li** l-vetturi **light-duty** huma s-sors tal-maġġoranza tal-impatti ambjentali u soċjali negattivi mit-trasport bit-triq fir-rigward tal-emissjonijiet u l-konġestjoni. Fl-interess tat-trattament ugwali u l-kompetizzjoni ġusta, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-vetturi li sa issa mhumiex koperti mill-qafas stabbilit fid-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵, fir-rigward tal-ħlasijiet għall-użu tat-triq u l-ħlasijiet fuq l-utenti, jiġu inklużi f'dan il-qafas. Għalhekk, jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva jiġi estiż għall-vetturi heavy-duty minbarra dawk maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija u għall-vetturi light-duty, **inklużi l-karozzi** tal-passiġġieri.

(3) Il-vetturi kollha għandhom impatt sinifikanti fuq l-infrastruttura tat-toroq u jikkontribwixxu għat-tniġġis tal-arja, **u** l-vetturi **ħfief** huma s-sors tal-maġġoranza tal-impatti ambjentali u soċjali negattivi mit-trasport bit-triq fir-rigward tal-emissjonijiet u l-konġestjoni. Fl-interess tat-trattament ugwali u l-kompetizzjoni ġusta, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-vetturi li sa issa mhumiex koperti mill-qafas stabbilit fid-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-ħlasijiet għall-użu tat-triq u l-ħlasijiet fuq l-utenti, jiġu inklużi f'dan il-qafas. Għalhekk, jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva jiġi estiż għall-vetturi heavy-duty minbarra dawk maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija u għall-vetturi light-duty u **l-karozzi** tal-passiġġieri. **It-tariffi għall-karozzi tal-passiġġieri jistgħu jiġu aġġustati sabiex tiġi evitata penalizzazzjoni eċċessiva tal-utenti frekwenti. Għal raġunijiet ta' trattament ugwali, jenħtieġ li t-tariffi jiġu applikati b'mod mhux diskriminatorju, abbażi tal-kategorija tal-vettura, kif ukoll b'mod**

differenti, skont l-impatt tal-vettura fuq l-infrastrutturi u fuq l-ambjent u s-soċjetà, u skont il-qagħda soċjoekonomika ta' ċerti utenti li ma jkollhom ebda għażla ħlief li jużaw it-triq biex jaslū fil-post tax-xogħol tagħhom.

Emenda 6

**Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Biex jiġi stabbilit suq intern tat-trasport bit-triq b'kundizzjonijiet ekwi, jenħtieġ li r-regoli jiġu applikati b'mod uniformi. Wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' din id-Direttiva huwa l-eliminazzjoni ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn l-utenti. Għaldaqstant, il-vannijiet li jittrasportaw merkanzija bit-triq jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tat-tariffi applikati għall-vetturi heavy-duty.

Emenda 7

**Proposta għal direttiva
Premessa 3b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3b) Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità ta' din il-miżura, huwa importanti li jiġu inklużi biss il-vannijiet użati biex jittrasportaw merkanzija bit-triq li huma rregolati bir-Regolamenti (UE) Nru 1071/2009^{1a} u 1072/2009^{1b} tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u bir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill^{1c}.

^{1a} Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar

id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51).

^{1b} *Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72).*

^{1c} *Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).*

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Il-ħlasijiet fuq l-utenti abbażi tal-ħin, min-natura tagħhom, ma jirriflettux l-ispejjeż tal-infrastruttura li fil-fatt **jiġġarbu** u, għal raġunijiet simili, mhumix effikaċi bħala inċentiv għal operazzjonijiet aktar nodfa u aktar effiċjenti, jew it-tnaqqis tal-konġestjoni. **Għalhekk**, jenħtieġ li **dawn** jitnaqqsu gradwalment b'tariffi abbażi tad-distanza, li jkunu aktar ġusti, aktar effiċjenti u aktar effikaċi.

Emenda

(4) Il-ħlasijiet fuq l-utenti abbażi tal-ħin, min-natura tagħhom, ma jirriflettux l-ispejjeż tal-infrastruttura li fil-fatt **jiġġarbu** u, għal raġunijiet simili, mhumix effikaċi bħala inċentiv għal operazzjonijiet aktar nodfa u aktar effiċjenti, jew it-tnaqqis tal-konġestjoni. **Għall-vetturi tqal, il-ħlasijiet fuq l-utenti abbażi tal-ħin għalhekk** jenħtieġ li jitnaqqsu gradwalment b'tariffi abbażi tad-distanza, li jkunu aktar ġusti, aktar effiċjenti u aktar effikaċi.

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Sabiex ikun żgurat li din is-sostituzzjoni gradwali tal-ħlasijiet fuq l-

utenti abbażi tal-ħin bi ħlasijiet abbażi tad-distanza ma ssirx ostaklu ulterjuri għall-aċċess għas-swieq Ewropej ewlenin tat-trasport minn pajjiżi u reġjuni periferiċi, jenħtieġ li mill-iktar fis possibbli titqiegħed fis-seħħ sistema ta' kumpens sabiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż miżjuda u b'hekk jiġi evitat telf sinifikanti ta' kompetittività.

Emenda 11

**Proposta għal direttiva
Premessa 4b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4b) Sabiex jiġi evitat li t-traffiku jibda juża t-toroq mingħajr ħlas għall-użu tagħhom, li jista' jkollu impatt kbir ħafna fuq is-sikurezza tat-toroq u fuq l-użu ottimali tan-netwerk tat-toroq, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jimponu ħlasijiet għall-użu fit-toroq kollha li jkunu f'kompetizzjoni diretta man-netwerks trans-Ewropej.

Emenda 12

**Proposta għal direttiva
Premessa 4c (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4c) Il-ħlasijiet fuq l-utenti abbażi tal-ħin iħeġġu lis-sewwieqa jivvjaġġaw aktar meta l-vignette tagħhom tkun valida, u b'hekk jiġi applikat b'mod żbaljat il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" u "min juża jħallas".

Emenda 13

**Proposta għal direttiva
Premessa 4d (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4d) Sabiex jiġi żgurat li din id-Direttiva tiġi

applikata sew, l-oqfsa kuntrattwali li jirregolaw il-kuntratti ta' konċessjoni fir-rigward tal-ġbir ta' tariffi tat-triq jenħtieġ li, b'kunsiderazzjoni xierqa tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jiffaċilitaw l-adattabbiltà ta' daww il-kuntratti skont it-tibdil tal-qafas regolatorju tal-Unjoni.

Emenda 14

Proposta għal direttiva Premessa 4e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4e) F'dan ir-rigward, jenħtieġ li titqies il-possibbiltà li l-ispejjeż miżjuda minħabba l-periferiċità jiġu kkompensati permezz ta' faċilitajiet fir-rigward tal-aċċess għal flotot aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tal-istabbiliment prijoritarju ta' infrastruttura esklużiva jew ta' teknoloġiji bħal awtostradi elettriċi. Daww il-faċilitajiet ta' kumpens jistgħu jiffurmaw parti mill-FNE futura wara l-2020.

Emenda 15

Proposta għal direttiva Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) Sabiex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni mill-utenti tal-iskemi futuri tal-pedaġġ tat-toroq, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jintroduċu sistemi adegwati għall-ġbir tal-ħlasijiet bħala parti minn pakkett usa' ta' servizzi ta' mobbiltà. Sistemi bħal dawn **għandhom** jiżguraw distribuzzjoni ġusta tal-ispejjeż tal-infrastruttura u jirriflettu l-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas". Jenħtieġ li l-Istati Membri li jintroduċu sistema ta' din ix-xorta jiżguraw li din tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(5) Sabiex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni mill-utenti tal-iskemi futuri tal-pedaġġ tat-toroq, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jintroduċu sistemi adegwati għall-ġbir tal-ħlasijiet bħala parti minn pakkett usa' ta' servizzi ta' mobbiltà. Sistemi bħal dawn **jenħtieġ li** jiżguraw distribuzzjoni ġusta tal-ispejjeż tal-infrastruttura u jirriflettu l-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" **u jinkorporaw arranġamenti għad-delimitazzjoni tal-irċevuti mill-ħlasijiet fuq l-utenti. F'dak ir-rigward, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu liberi wkoll li jimponu ħlasijiet għall-użu fit-toroq li ma jiffurmawx parti min-netwerk ewlieni tat-trasport.** Jenħtieġ li l-Istati Membri li jintroduċu sistema ta' din ix-xorta jiżguraw li din tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jqisu l-fatturi soċjoekonomiċi meta japplikaw skemi ta' tariffi għall-infrastruttura tat-toroq għall-karozzi tal-passiġġieri.

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5b) L-impożizzjoni ta' ħlasijiet fuq l-utenti kollha tat-triq b'mezzi elettroniċi tinvolvi l-ġbir u l-ħżin fuq skala enormi ta' data personali, li tista' tintuża wkoll biex jitfasslu profili komprensivi tal-movimenti. Meta jimplimentaw din id-Direttiva, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jqisu sistematikament il-prinċipji tal-limitazzjoni tal-iskop u tal-minimizzazzjoni tad-data. Għalhekk jenħtieġ li s-soluzzjonijiet tekniċi għal-ġbir ta' data b'raba mal-impożizzjoni ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq jinkorporaw possibbiltajiet ta' ħlas anonimizzat, kriptat jew bil-quddiem.

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 5c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5c) It-taxxi fuq il-vetturi jistgħu jaġixxu bħala ostaklu għall-introduzzjoni ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq. Sabiex tiġi appoġġata l-introduzzjoni tal-ħlasijiet għall-użu tat-triq, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw aktar lok biex inaqqsu malajr it-taxxi fuq il-vetturi, jiġifieri billi jitnaqqsu kemm jista' jkun malajr ir-rati minimi stipulati fid-Direttiva 1999/62/KE.

Emenda 20

Proposta għal direttiva Premessa 5d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5d) Huwa ta' importanza partikolari li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' ħlasijiet ġusta li ma tippenalizzax lill-utenti ta' vetturi privati li, minħabba l-post tar-residenza tagħhom f'żona rurali jew f'żoni li diffiċli li wieħed jaċċedi għalihom jew iżolati, ikollhom bilfors jużaw b'mod aktar regolari toroq prinċipali soġġetti għal ħlasijiet. Skont il-politika ta' żvilupp territorjali, jenħtieġ li l-Istati Membri jimponu ħlasijiet imnaqqa fuq l-utenti minn żoni bħal dawn.

Emenda 21

Proposta għal direttiva Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) Bħal fil-każ ta' vetturi heavy-duty, huwa importanti li jiġi żgurat li kwalunkwe tariffa abbażi tal-ħin li tiġi applikata għall-vetturi light-duty tkun proporzjonata, inkluż fir-rigward ta' perjodi tal-użu ta' iqsar minn sena. F'dak ir-rigward, jeħtieġ li jitqies il-fatt li vetturi light-duty għandhom xejriet tal-użu differenti minn dawk ta' vetturi heavy-duty. Il-kalkolu ta' tariffi proporzjonati abbażi tal-ħin jista' jkun ibbażat fuq **id-dejta** disponibbli dwar ix-xejriet tal-vjaġġi.

(6) Bħal fil-każ ta' vetturi heavy-duty, huwa importanti li jiġi żgurat li, **jekk l-Istati Membri jintroduċu** kwalunkwe tariffa abbażi tal-ħin li tiġi applikata għall-vetturi light-duty, **din** tkun proporzjonata, inkluż fir-rigward ta' perjodi tal-użu ta' iqsar minn sena. F'dak ir-rigward, jeħtieġ li jitqies il-fatt li vetturi light-duty għandhom xejriet tal-użu differenti minn dawk ta' vetturi heavy-duty. Il-kalkolu ta' tariffi proporzjonati abbażi tal-ħin jista' jkun ibbażat fuq **id-data** disponibbli dwar ix-xejriet tal-vjaġġi, **sakemm jiżgura n-nondiskriminazzjoni.**

Emenda 22

Proposta għal direttiva Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7) Skont id-Direttiva 1999/62/KE, tariffa għall-ispejjeż esterni **tista'** tiġi imposta fuq livell qrib għall-ispiża marġinali soċjali tal-użu tal-vettura kkonċernata. Intwera li dak

(7) Skont id-Direttiva 1999/62/KE, tariffa għall-ispejjeż esterni **konsistenti mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"** jenħtieġ li tiġi imposta fuq livell qrib għall-

il-metodu huwa l-aktar mod ġust u effiċjenti biex jitqiesu l-impatti ambjentali u tas-saħħa negattivi tat-tniġġis tal-arja u tal-istorbju ġġenerati minn vetturi heavy-duty, u jkun jiżgura kontribuzzjoni ġusta mill-vetturi heavy-duty biex jintlaħqu l-istandards tal-UE għall-kwalità tal-arja, kif ukoll kwalunkwe limitu jew mira applikabbli għall-istorbju. Għalhekk, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' tariffi bħal dawn tiġi ffaċilitata.

ispiża marġinali soċjali tal-użu tal-vettura kkonċernata. Intwera li dak il-metodu huwa l-aktar mod ġust u effiċjenti biex jitqiesu l-impatti ambjentali u tas-saħħa negattivi tat-tniġġis tal-arja u tal-istorbju ġġenerati minn vetturi heavy-duty, u jkun jiżgura kontribuzzjoni ġusta mill-vetturi heavy-duty biex jintlaħqu l-istandards tal-UE għall-kwalità tal-arja, kif ukoll kwalunkwe limitu jew mira applikabbli għall-istorbju. Għalhekk, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' tariffi bħal dawn tiġi ffaċilitata.

Emenda 23

Proposta għal direttiva Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Għal dan l-għan, jenħtieġ li t-tariffi massimi tal-medja ponderata għall-ispejjeż esterni ***tiġi ssostitwita mill-valuri ta' referenza*** aġġornati fid-dawl tal-inflazzjoni, il-progress xjentifiku li jkun sar biex jiġu stmati l-ispejjeż esterni tat-trasport bit-triq u l-evoluzzjoni tal-kompożizzjoni tal-flotta.

Emenda

(8) Għal dan l-għan, jenħtieġ li ***tiġi introdotta l-possibbiltà li tiġi applikata tariffa għall-ispejjeż esterni fuq in-netwerks li mhumex koperti minn tariffa għall-infrastruttura u*** t-tariffi massimi tal-medja ponderata għall-ispejjeż esterni ***jenħtieġ li jiġu sostitwiti bil-valuri minimi*** aġġornati fid-dawl tal-inflazzjoni, il-progress xjentifiku li jkun sar biex jiġu stmati l-ispejjeż esterni tat-trasport bit-triq u l-evoluzzjoni tal-kompożizzjoni tal-flotta.

Emenda 24

Proposta għal direttiva Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Sabiex jintlaħaq l-oġġettiv tal-White Paper dwar it-Trasport li jkun hemm applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", jenħtieġ li jiġi żgurat li, fin-netwerks koperti minn tariffa għall-infrastruttura, tapplika tariffa għall-ispejjeż esterni għall-vetturi heavy-duty u għall-vannijiet li jittrasportaw merkanzija bit-triq.

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8b) Sabiex jiġi żgurat użu mill-ġdid xieraq tad-dħul mit-tariffi għall-ispejjeż esterni, ikun xieraq li dak id-dħul jerġa' jiġi investit fis-settur tal-infrastruttura tat-trasport sabiex jiġu promossi modi ta' trasport aktar sostenibbli b'impatt ambjentali iżgħar.

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) Il-varjazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura skont il-klassijiet tal-emissjonijiet Euro kkontribwiet għall-użu ta' vetturi aktar nodfa. Madankollu, bit-tiġdid tal-flotot tal-vetturi, huwa mistenni li l-varjazzjoni tat-tariffi fuq din il-bażi fin-netwerk interurban ***tiskadi*** sa tmiem l-2020 u għalhekk jenħtieġ li titneħħa gradwalment sa dak iż-żmien. Mill-istess mument, jenħtieġ li l-impożizzjoni ta' tariffi għall-ispejjeż esterni tiġi applikata b'mod aktar sistematiku bħala mezz immirat lejn l-irkupru tal-ispejjeż esterni fir-rigward ta' sitwazzjonijiet fejn dan huwa tal-ogħla importanza.

(9) Il-varjazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura skont il-klassijiet tal-emissjonijiet Euro kkontribwiet għall-użu ta' vetturi aktar nodfa. Madankollu, bit-tiġdid tal-flotot tal-vetturi, huwa mistenni li l-varjazzjoni tat-tariffi fuq din il-bażi fin-netwerk interurban ***issir inqas effettiva*** sa tmiem l-2020 u għalhekk jenħtieġ li titneħħa gradwalment sa dak iż-żmien. Mill-istess mument, jenħtieġ li l-impożizzjoni ta' tariffi għall-ispejjeż esterni tiġi applikata b'mod aktar sistematiku bħala mezz immirat lejn l-irkupru tal-ispejjeż esterni fir-rigward ta' sitwazzjonijiet fejn dan huwa tal-ogħla importanza.

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12) Sabiex jitħeġġeġ l-użu tal-vetturi l-aktar nodfa u effiċjenti, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw ħlasijiet għall-użu tat-triq u ħlasijiet fuq l-utenti mnaqqsqa ferm għal dawk il-vetturi.

(12) Sabiex jitħeġġeġ l-użu tal-vetturi l-aktar nodfa u effiċjenti, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw ħlasijiet għall-użu tat-triq u ħlasijiet fuq l-utenti mnaqqsqa ferm għal dawk il-vetturi. ***Sabiex tiġi ffaċilitata u tiħaffef l-***

implimentazzjoni ta' skemi bħal dawn, jenħtieġ li dak it-tnaqqis jiġi applikat indipendentement mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) .../... li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 595/2009 fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tal-emissjonijiet ta' CO₂ u l-konsum tal-fjuwil minn vetturi heavy-duty. Il-vetturi b'zero emissjonijiet jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal xi tariffa għall-ispejjeż esterni relatata mat-tniġġis tal-arja.

Emenda 29

Proposta għal direttiva Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) It-tranżitu trans-Alpin jirrappreżenta problema partikolari għar-reġjuni affettwati, fil-forma ta' tniġġis mill-istorbju u tal-arja u ta' tkagħbir bl-użu fuq l-infrastruttura, problema li ssir ferm akbar minħabba l-kompetizzjoni mal-kurituri fil-qrib f'dak li jirrigwarda l-prezzijiet. Għalhekk jenħtieġ li r-reġjuni affettwati u l-Istati Membri jingħataw marġni wiesa' ta' flessibbiltà f'dak li jirrigwarda t-tariffi għall-ispejjeż esterni u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' ġestjoni tat-traffiku, anke bil-għan li jiġu evitati effetti ta' spostament mhux mixtieqa u li t-traffiku jiġi ddevjat bejn il-kurituri.

Emenda 30

Proposta għal direttiva Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13) Il-konġestjoni tat-toroq, li għaliha jikkontribwixxu l-vetturi bil-mutur kollha bi proporzjonijiet differenti, tirrappreżenta spiża ta' madwar 1 % tal-PDG. Parti sinifikanti ta' din l-ispiża tista' tiġi attribwita lill-konġestjoni interurbana. Għalhekk jenħtieġ li tiġi permessa tariffa speċifika marbuta mal-konġestjoni, bil-

(13) Il-konġestjoni tat-toroq, li għaliha jikkontribwixxu l-vetturi bil-mutur kollha bi proporzjonijiet differenti, tirrappreżenta spiża ta' madwar 1 % tal-PDG. Parti sinifikanti ta' din l-ispiża tista' tiġi attribwita lill-konġestjoni interurbana. Għalhekk jenħtieġ li tiġi permessa tariffa speċifika marbuta mal-konġestjoni, bil-kundizzjoni li tiġi applikata għall-kategoriji

kundizzjoni li tiġi applikata għall-kategoriji kollha tal-vetturi. Sabiex tkun effikaċi **u** proporzjonata, jenħtieġ li t-tariffa tiġi kkalkulata abbażi tal-ispiża marġinali tal-konġestjoni u ddifferenzjata skont il-post, il-ħin u l-kategorija tal-vettura. Sabiex jiġi massimizzat l-effett pożittiv tat-tariffi għall-konġestjoni, jenħtieġ li d-dħul korrispondenti jiġi allokat għal proġetti li jindirizzaw is-sorsi tal-problema.

kollha tal-vetturi. Sabiex tkun effikaċi, proporzjonata **u nondiskriminatorja**, jenħtieġ li t-tariffa tiġi kkalkulata abbażi tal-ispiża marġinali tal-konġestjoni u ddifferenzjata skont il-post, il-ħin u l-kategorija tal-vettura. ***Bl-istess mod, jenħtieġ li jinstabu formuli li jibbilanċaw u jikkumpensaw u li ma jiddiskriminawx kontra ħaddiema li jgħixu fil-periferiji tal-bliet, li diġà jkollhom iġarrbu l-ispejjeż kemm tal-ħlasijiet fuq l-utenti kif ukoll tal-ħlasijiet għall-użu tat-triq.*** Sabiex jiġi massimizzat l-effett pożittiv tat-tariffi għall-konġestjoni, jenħtieġ li d-dħul korrispondenti jiġi allokat għal proġetti li jindirizzaw is-sorsi tal-problema.

Emenda 31

Proposta għal direttiva Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) Sabiex jgħinu fis-salvagwardja tal-wirt awtomobilistiku tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jqiegħdu l-vetturi ta' interess storiku f'kategorija speċjali għall-finijiet tal-aġġustament tad-diversi tariffi li jridu jitħallsu skont din id-Direttiva.

Emenda 32

Proposta għal direttiva Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) Minħabba l-livell għoli tal-ispejjeż esterni tal-inċidenti, li jammontaw għal għexieren ta' biljuni ta' euro kull sena, b'rabta mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a} rigward il-kalkolu tal-ispiża soċjali medja ta' inċidenti fatali u serji, l-Istati Membri jenħtieġ li jingħataw il-possibbiltà li jinternalizzaw aħjar l-ispejjeż mhux koperti mill-assigurazzjoni. Parti minn dawk l-ispejjeż tkun imħallsa mill-iskema tas-sigurtà soċjali rilevanti jew mis-

soċjetà inġenerali, bħall-ispejjeż amministrattivi tas-servizzi pubbliċi użati, ċerti spejjeż ta' servizzi mediċi użati kif ukoll it-telf ta' kapital uman u l-ispejjeż relatati ma' danni fiżiċi u psikoloġiċi.

^{1a} Id-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq (ĠU L 319, 29.11.2008, p. 59).

Emenda 33

Proposta għal direttiva

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Il-mark-ups li jiżdiedu mat-tariffa għall-infrastruttura jistgħu jipprovdu wkoll kontribuzzjoni utli biex jiġu indirizzati l-problemi relatati ma' ħsara ambjentali jew konġestjoni sinifikanti li jirriżultaw mill-użu ta' ċerti toroq, mhux biss daww f'żoni muntanjużi. ***Għalhekk, jenħtieġ li jitneħħew ir-restrizzjoni attwali tal-mark-ups għal żoni bħal dawn.*** Sabiex jiġi evitat li l-utenti jiġu ċċarġjati darbtejn, jenħtieġ li l-mark-ups ***jiġu esklużi*** f'sezzjonijiet tat-triq fejn tiġi applikata t-tariffa tal-konġestjoni.

Emenda 34

Proposta għal direttiva

Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16) Il-mark-ups li jiżdiedu mat-tariffa għall-infrastruttura jistgħu jipprovdu wkoll kontribuzzjoni utli biex jiġu indirizzati l-problemi relatati ma' ħsara ambjentali jew konġestjoni sinifikanti li jirriżultaw mill-użu ta' ċerti toroq, mhux biss daww f'żoni muntanjużi. ***Jenħtieġ għalhekk li tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-mark-ups billi jitneħħew ir-restrizzjonijiet attwali li jillimitaw il-mark-ups għal żoni bħal dawn u jiġu trasferiti għal proġetti tan-netwerk ċentrali tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport.*** Sabiex jiġi evitat li l-utenti jiġu ċċarġjati darbtejn, jenħtieġ li l-mark-ups f'sezzjonijiet tat-triq fejn tiġi applikata t-tariffa tal-konġestjoni ***jiġu limitati b'mod aktar strett.*** ***Jenħtieġ ukoll li jiġi aġġustat il-livell massimu applikabbli għal sitwazzjonijiet differenti.***

Emenda

(17a) Bħal fir-rigward tal-vetturi light-duty, huwa importanti li jkun żgurat li din id-Direttiva ma tostakolax il-moviment liberu taċ-ċittadini. Jenħtieġ li l-Istati Membri ma

jitħallewx jintroduċu skontijiet u tnaqqis meta l-utenti tat-toroq ikunu affettwati b'mod sproporzjonat mit-tariffi minħabba raġunijiet ġeografiki jew soċjali.

Emenda 35

Proposta għal direttiva Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Sabiex jiġu sfruttati s-sinerġiji potenzjali bejn is-sistemi eżistenti tat-tariffi tat-toroq sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż operattivi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun involuta bis-sħiħ fil-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri li jkunu beħsiebhom jintroduċu skemi komuni tat-tariffi tat-toroq.

Emenda

(18) Sabiex jiġu sfruttati s-sinerġiji potenzjali bejn is-sistemi eżistenti tat-tariffi tat-toroq sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż operattivi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun involuta bis-sħiħ fil-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri li jkunu beħsiebhom jintroduċu skemi komuni **u interoperabbli** tat-tariffi tat-toroq.

Emenda 36

Proposta għal direttiva Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) It-tariffi tat-triq **jistgħu** jimmobilizzaw riżorsi li jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-manutenzjoni u l-iżvilupp ta' infrastruttura tat-trasport ta' kwalità għolja. Huwa għalhekk xieraq **li l-Istati Membri jingħataw incenċiv biex** jużaw id-dħul mit-tariffi tat-triq għal dan il-għan, u **b'hekk** li **jkun meħtieġ li** jirrapportaw b'mod adegwat dwar l-użu ta' dħul bħal dan. B'mod partikolari, dan għandu jgħin biex jiġu identifikati lakuni li jista' jkun hemm fil-finanzjament u biex itejjeb l-aċċettazzjoni tat-tariffi tat-toroq mill-pubbliku.

Emenda

(19) It-tariffi tat-triq jimmobilizzaw riżorsi li jikkontribwixxu għall-finanzjament **u għall-finanzjament inkroċjat ta' proġetti ta' infrastruttura ta' trasport alternattiv u** tal-manutenzjoni u l-iżvilupp ta' infrastruttura **u servizzi** tat-trasport ta' kwalità għolja. Huwa għalhekk xieraq **għall-Istati Membri li** jużaw id-dħul mit-tariffi tat-triq għal dan il-għan u li **jkunu meħtieġa** jirrapportaw b'mod adegwat dwar l-użu ta' dħul bħal dan. **Id-dħul mit-tariffi għall-infrastruttura u t-tariffi għall-ispejjeż esterni għalhekk jenħtieġ li jerġa' jiġi investit fis-settur tat-trasport.** B'mod partikolari, dan għandu jgħin biex jiġu identifikati lakuni li jista' jkun hemm fil-finanzjament u biex itejjeb l-aċċettazzjoni tat-tariffi tat-toroq mill-pubbliku.

Emenda 37

Proposta għal direttiva Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21) Huwa meħtieġ li t-tariffi għall-ispejjeż esterni jkomplu jirriflettu l-ispiża tat-tniġġis tal-arja u l-istorbju ġġenerati mill-vetturi heavy-duty, bl-aktar mod akkurat **possibli** mingħajr ma l-iskema tat-tariffi ssir kumplessa żżejjed, biex jingħata inċentiv għall-vetturi l-aktar effiċjenti fl-użu tal-fjuwil u biex l-inċentivi jibqgħu effikaċi kif ukoll biex id-differenzjazzjoni tat-tariffi tat-triq tibqa' aġġornata. Għalhekk, jenħtieġ li s-setgħa li tadotta l-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex il-valuri **ta' referenza** jiġu adattati għall-iċċarġjar tal-ispejjeż esterni skont il-progress xjentifiku, biex jiġu definiti l-modalitajiet għall-varjazzjoni newtrali mil-lat tad-dħul tat-tariffi għall-infrastruttura skont l-emissjonijiet tas-CO2 minn vetturi heavy-duty u biex jiġu adattati l-modalitajiet tal-varjazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura għal vetturi **light-duty** skont il-progress tekniku. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u b'mod sistematiku l-esperti tagħhom ikollhom aċċess għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

Emenda 38

Proposta għal direttiva Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Huwa meħtieġ li t-tariffi għall-ispejjeż esterni jkomplu jirriflettu l-ispiża tat-tniġġis tal-arja u l-istorbju ġġenerati mill-vetturi heavy-duty, bl-aktar mod akkurat **possibbli** mingħajr ma l-iskema tat-tariffi ssir kumplessa żżejjed, biex jingħata inċentiv għall-vetturi l-aktar effiċjenti fl-użu tal-fjuwil u biex l-inċentivi jibqgħu effikaċi kif ukoll biex id-differenzjazzjoni tat-tariffi tat-triq tibqa' aġġornata. Għalhekk, jenħtieġ li s-setgħa li tadotta l-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex il-valuri **minimi** jiġu adattati għall-iċċarġjar tal-ispejjeż esterni skont il-progress xjentifiku, biex jiġu definiti l-modalitajiet għall-varjazzjoni newtrali mil-lat tad-dħul tat-tariffi għall-infrastruttura skont l-emissjonijiet tas-CO2 minn vetturi heavy-duty u biex jiġu adattati l-modalitajiet tal-varjazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura għal vetturi **ħfief** skont il-progress tekniku. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u b'mod sistematiku l-esperti tagħhom ikollhom aċċess għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

Emenda

(21a) Sa mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tippreżenta qafas ġeneralment applikabbli, trasparenti u ċar għall-internalizzazzjoni tal-ispejjeż

ambjentali, tal-konġestjoni u tas-saħħa li jifforma l-bażi għal kalkoli futuri tat-tariffi għall-infrastruttura. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tipproponi mudell akkumpanjat b'analiżi tal-impatt fuq l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni għall-modi kollha tat-trasport. Fir-rigward tal-proporzjonalità, iridu jitqiesu l-modi kollha b'rabta mal-impożizzjoni ta' tariffi għall-ispejjeż esterni.

Emenda 39

Proposta għal direttiva Premessa 21b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21b) Fl-interess tat-trasparenza, ikun xieraq li l-Istati Membri jiddivulgaw lill-utenti tat-toroq ir-riżultati miksuba mill-investment mill-ġdid tat-tariffi għall-infrastruttura, it-tariffi għall-ispejjeż esterni u t-tariffi għall-konġestjoni. Għalhekk, jenħtieġ li jħabbru l-benefiċċji miksuba f'termini ta' sikurezza aħjar fit-toroq, tnaqqis tal-impatt ambjentali u tnaqqis tal-konġestjoni tat-traffiku.

Emenda 40

Proposta għal direttiva Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 1 Direttiva 1999/62/KE Titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir mill-utenti tal-vetturi għall-użu tal-infrastrutturi tat-toroq;

Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir **abbażi tad-distanza** mill-utenti tal-vetturi għall-użu tal-infrastrutturi tat-toroq;

Emenda 41

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) infrastruttura ġdida jew titjib tal-infrastruttura ġdida, inklużi tiswijiet strutturali sinifikanti;

Emenda

- (a) infrastruttura ġdida jew titjib tal-infrastruttura ġdida, inklużi tiswijiet strutturali sinifikanti ***jew infrastruttura tat-trasport alternattiv għal bidla modali;***

Emenda 42

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

- (6) "ħlas għall-użu tat-triq" tfisser ammont speċifiku bbażat fuq id-distanza ta' vjaġġ fuq infrastruttura partikolari u fuq it-tip ta' vettura, li l-ħlas tiegħu jikkonferixxi d-dritt biex vettura tuża l-infrastrutturi, u li jinkludi ***tariffa għall-infrastruttura u, skont il-każ, tariffa tal-konġestjoni inkella*** tariffa għall-ispejjeż esterni ***jew it-tnejn li huma;***

Emenda

- (6) "ħlas għall-użu tat-triq" tfisser ammont speċifiku bbażat fuq id-distanza ta' vjaġġ fuq infrastruttura partikolari u fuq it-tip ta' vettura, li l-ħlas tiegħu jikkonferixxi d-dritt biex vettura tuża l-infrastrutturi, u li jinkludi ***waħda jew aktar mit-tariffi li ġejjin: tariffa għall-infrastruttura, jew*** tariffa għall-ispejjeż esterni;

Emenda 43

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) "spiża tat-tniġġis tal-arja mit-traffiku" tfisser l-ispiża tal-**ħsara *kkawżata*** mir-rilaxx ta' materjal partikulat u ta' prekursori tal-ożonu, bħall-ossidu tan-nitroġenu u l-komposti organiċi volatili, matul it-tħaddim ta' vettura;

Emenda

(11) "spiża tat-tniġġis tal-arja mit-traffiku" tfisser l-ispiża tal-**ħsara *għas-saħħa tal-bniedem u tal-ħsara ambjentali kkawżati*** mir-rilaxx ta' materjal partikulat u ta' prekursori tal-ożonu, bħall-ossidu tan-nitroġenu u l-komposti organiċi volatili, matul it-tħaddim ta' vettura;

Emenda 44

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) "spiża tat-tniġġis tal-istorbju mit-traffiku" tfisser l-ispiża tal-**ħsara *kkawżata*** mill-istorbju ġġenerat mill-vetturi jew mill-interazzjoni tagħhom mal-wiċċ tat-toroq;

Emenda

(12) "spiża tat-tniġġis tal-istorbju mit-traffiku" tfisser l-ispiża tal-**ħsara *għas-saħħa tal-bniedem u tal-ħsara ambjentali kkawżati*** mill-istorbju ġġenerat mill-vetturi jew mill-interazzjoni tagħhom mal-wiċċ tat-toroq;

Emenda 46

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18a) "vettura ħafifa" tfisser vettura light-duty jew karozza tal-passiġġieri;

Emenda 47

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) "vettura light-duty" tfisser ***karozza tal-passiġġieri, minibus*** jew vann;

Emenda

(19) "vettura light-duty" tfisser ***minibus, vann*** jew vann ***maħsub għat-trasport tal-merkanzija***;

Emenda 48

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 20a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20a) "vettura ta' interess storiku" tfisser vettura li hija ta' interess storiku fis-sens tal-Artikolu 3(7) tad-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;

**** Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51).***

Emenda 49

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 1999/62/KE

Article 2 – paragrafu 1 – punt 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) "vann" tfisser vettura ***maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija u*** li jkollha massa massima permissibbli ta' mhux aktar minn 3,5 tonnelli;

Emenda

(22) "vann" tfisser vettura ***għajr karozza tal-passiġġieri*** li jkollha massa massima permissibbli ta' mhux aktar minn 3,5 tonnelli;

Emenda 50

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 22a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22a) "***vann maħsub għall-ġarr tal-merkanzija***" tfisser vettura, li tintuża fis-settur tal-operaturi tat-trasport bit-triq kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, u b'piż massimu permissibbli meta mgħobbija ta' bejn 2,4 u 3,5 tonnelli u b'għoli ta' aktar minn 2 metri;

* Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51).

Emenda 51

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 22b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(22b) "tħaddim b'żero emissjonijiet"
tfisser vettura li, b'mod verifikabbli,
taħdem b'ebda emissjoni mill-egħost fit-
totalità tan-netwerk tat-toroq kopert;***

Emenda 52

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 23a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(23a) "mutur" tfisser vettura b'żewġ roti,
b'sidecar jew mingħajrha, kif ukoll
kwalunkwe triċiklu u kwalunkwe
kwadriċiklu fil-kategoriji L3e, L4e, L5e,
L6e u L7e, kif imsemmija fir-Regolament
(UE) Nru 168/2013;***

Emenda 53

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 27

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27) "kuntratt ta' konċessjoni" tfisser *"kuntratt pubbliku ta' xoghlġiet"* kif *definit* fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

**** *Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).***

(27) "kuntratt ta' konċessjoni" tfisser *"konċessjoni"* kif *definita* fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

**** *Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).***

Emenda 54

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 1999/62/KE

Article 2 – paragrafu 1 – punt 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) "arranġament ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq jew ta' tariffi emendat sostanzjalment" tfisser arranġament ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq jew ta' tariffi, li ġie emendat b'tali mod li l-ispejjeż jew id-dħul intlaqtu b'minn tal-anqas **5 %** meta mqabbla mas-sena ta' qabel, wara li ssir korrezzjoni għall-inflazzjoni mkejla permezz tat-tibdiliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur madwar l-UE kollha, u bl-esklużjoni tal-enerġija u tal-ikel mhux ipproċessat, kif ippubblikat mill-Kummissjoni (Eurostat).

Emenda

(29) "arranġament ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq jew ta' tariffi emendat sostanzjalment" tfisser arranġament ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq jew ta' tariffi, li ġie emendat b'tali mod li l-ispejjeż jew id-dħul intlaqtu b'minn tal-anqas **15 %** meta mqabbla mas-sena ta' qabel, wara li ssir korrezzjoni għall-inflazzjoni mkejla permezz tat-tibdiliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur madwar l-UE kollha, u bl-esklużjoni tal-enerġija u tal-ikel mhux ipproċessat, kif ippubblikat mill-Kummissjoni (Eurostat). ***Fil-kuntratti ta' konċessjoni, modifiki li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 43(1) u (2) tad-Direttiva 2014/23/UE ma għandhomx jittqiesu bħala sostanzjali.***

Emenda 55

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 29a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(29a) "finanzjament inkroċjat" tfisser il-finanzjament ta' proġetti ta' infrastruttura tat-trasport alternattiv effiċjenti mid-dħul mill-ħlasijiet għall-użu tat-triq u mit-tariffi għall-infrastruttura fuq infrastruttura tat-trasport eżistenti;

Emenda 56

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 29b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(29b) "Stati Membri" tfisser l-awtoritajiet tal-Istati Membri kollha, i.e. l-awtoritajiet tal-gvern ċentrali tal-Istat, l-awtoritajiet fi stat federali u awtoritajiet territorjali oħra bis-setgħa li jiżguraw il-konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Emenda 57

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) spejjeż tal-infrastruttura jew it-titjib tal-infrastruttura jistgħu jinkludu

(b) spejjeż tal-infrastruttura jew it-titjib tal-infrastruttura jistgħu jinkludu

kwalunkwe nefqa speċifika ***fuq l-infrastruttura*** li tkun iddisinjata biex tnaqqas id-disturbi marbuta mal-istorbju ***inkella*** biex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq u l-ħlasijiet reali li jsiru mill-operatur tal-infrastruttura li jikkorrispondu mal-elementi ambjentali oġġettivi bħalma huma l-protezzjoni kontra l-kontaminazzjoni tal-ħamrija.

kwalunkwe nefqa speċifika, ***inkluża dik imġarrba minħabba rekwiżiti regolatorji ġodda***, li tkun iddisinjata biex tnaqqas id-disturbi marbuta mal-istorbju, ***biex tintroduċi teknoloġiji innovattivi jew*** biex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq u l-ħlasijiet reali li jsiru mill-operatur tal-infrastruttura li jikkorrispondu mal-elementi ambjentali oġġettivi bħalma huma l-protezzjoni kontra l-kontaminazzjoni tal-ħamrija.

Emenda 58

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Fl-Artikolu 6(2), jiżdied il-punt li ġej:

“(ba) vetturi ta' interess storiku;”

Emenda 59

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 9, ***mill-1 ta' Jannar 2018***, l-Istati Membri ma għandhomx jintroduċu ħlasijiet fuq l-utenti ta' vetturi heavy-duty. Il-ħlasijiet fuq l-utenti introdotti qabel dik id-data jistgħu jinżammu sal-31 ta' Diċembru ***2023***.

6. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 9, ***minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]***, l-Istati Membri ma għandhomx jintroduċu ħlasijiet fuq l-utenti ta' vetturi heavy-duty ***u l-vannijiet maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija***. Il-ħlasijiet fuq l-utenti introdotti qabel dik id-data jistgħu jinżammu sal-

31 ta' Diċembru 2022 u għandhom jiġu sostitwiti b'tariffi għall-infrastruttura mill-1 ta' Jannar 2023 fin-netwerk tat-toroq kopert b'din id-Direttiva.

Emenda 61

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. Mill-1 ta' Jannar 2020, il-ħlasijiet għall-użu tat-triq u fuq l-utent applikati għal vetturi heavy-duty għandhom japplikaw għall-vetturi heavy-duty kollha.

Emenda

9. Mill-1 ta' Jannar 2020, il-ħlasijiet għall-użu tat-triq u fuq l-utent applikati għal vetturi heavy-duty għandhom japplikaw għall-vetturi heavy-duty kollha **u għall-vannijiet maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija.**

Emenda 62

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

10. Il-ħlasijiet għall-użu tat-triq u fuq l-utenti għal vetturi heavy-duty minn naħa u għal vetturi light-duty min-naħa l-oħra jistgħu jiddaħħlu jew jinżammu b'mod indipendenti minn xulxin.

Emenda

10. **Sal-31 ta' Diċembru 2022**, il-ħlasijiet għall-użu tat-triq u fuq l-utenti għal vetturi heavy-duty **u għal vannijiet maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija** minn naħa u għal vetturi light-duty **għajr il-vannijiet maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija** min-naħa l-oħra jistgħu jiddaħħlu jew jinżammu b'mod indipendenti minn xulxin.

Emenda 63

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Sa fejn japplikaw il-ħlasijiet fuq l-utenti fir-rigward ta' karożżi tal-passiġġieri, l-użu tal-infrastruttura għandu jkun disponibbli għall-inqas għall-perjodi li ġejjin: 10 ijiem, xahar jew xahrejn jew it-tnejn, u sena. Ir-rata għal xahrejn ma għandhiex tkun aktar minn 30 % tar-rata annwali, ir-rata ta' xahar ma għandhiex tkun aktar minn 18 % tar-rata annwali u ***r-rata*** ta' 10 ijiem ma ***għandhiex tkun*** aktar minn 8 % tar-rata annwali.

Emenda

Sa fejn japplikaw il-ħlasijiet fuq l-utenti fir-rigward ta' karożżi tal-passiġġieri, l-użu tal-infrastruttura għandu jkun disponibbli għall-inqas għall-perjodi li ġejjin: ***ġurnata, ġimgħa***, 10 ijiem, xahar jew xahrejn jew it-tnejn, u sena. Ir-rata għal xahrejn ma għandhiex tkun aktar minn 30 % tar-rata annwali, ir-rata ta' xahar ma għandhiex tkun aktar minn 18 % tar-rata annwali u ***r-rati*** ta' 10 ijiem, ***ta' ġimgħa u ta' ġurnata*** ma ***għandhomx ikunu*** aktar minn 8 % tar-rata annwali.

Emenda 64

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Għall-minibuses u għall-vannijiet, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw jew mal-paragrafu 2 inkella mal-paragrafu 3. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ħlasijiet fuq l-utenti ogħla għall-minibuses u għall-vannijiet milli għall-karożżi tal-passiġġieri mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2024.";

Emenda

4. Għall-minibuses, ***għall-vannijiet*** u għall-vannijiet ***maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija***, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw jew mal-paragrafu 2 inkella mal-paragrafu 3. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ħlasijiet fuq l-utenti ogħla għall-minibuses, ***għall-vannijiet*** u għall-vannijiet ***maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija*** milli għall-karożżi tal-passiġġieri mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2024.";

Emenda 65

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7a – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Il-proporzjonalità tal-ħlasijiet fuq l-utenti tista' tqis il-karatteristika speċifika tal-operazzjonijiet tat-trasport li jibdew fi Stat Membru fil-periferija tal-Unjoni.

Emenda 66

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7b – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Fl-Artikolu 7b, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"2a. Is-sezzjonijiet tal-awtostradi li fuqhom tiġi applikata tariffa għall-infrastruttura għandu jkollhom l-infrastruttura neċessarja biex tiġi żgurata s-sikurezza tat-traffiku għall-utenti kollha u jista' jkollhom postijiet tal-parkeġġ sikuri fil-kundizzjonijiet klimatiċi kollha f'konformità mar-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward tar-rekwiżiti

minimi dwar il-ħinijiet tas-sewqan ta' kuljum u fil-ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u fil-ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi (2017/0122 (COD))."

Emenda 67

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7c – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu tariffa għall-ispejjeż esterni, marbuta mal-ispiża tat-tniġġis tal-arja jew tal-istorbju mit-traffiku, jew mat-tnejn li huma.

Għal **vetturi heavy-duty**, it-tariffa għall-ispejjeż esterni għandha tvarja u tiġi stabbilita f'konformità mar-rekwiżiti minimi u l-metodi msemmija fl-Anness IIIa u għandha **tirrispetta l-valuri ta' referenza** msemmija fl-Anness IIIb.

Emenda

1. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu tariffa għall-ispejjeż esterni, marbuta mal-ispiża tat-tniġġis tal-arja jew tal-istorbju mit-traffiku, jew mat-tnejn li huma.

It-tariffi għall-ispejjeż esterni jistgħu jiġu introdotti jew jinżammu fuq is-sezzjonijiet tan-netwerk tat-toroq li mhumex soġġetti għal tariffi għall-infrastruttura.

It-tariffa għall-ispejjeż esterni għal **tniġġis tal-arja jew bl-istorbju minħabba t-traffiku**, għandha tvarja u tiġi stabbilita f'konformità mar-rekwiżiti minimi u l-metodi msemmija fl-Anness IIIa u għandha **tikkonforma tal-anqas mal-valuri minimi** msemmija fl-Anness IIIb.

Emenda 68

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7c – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Mill-1 ta' Jannar 2021, l-Istati Membri li jimponu l-ħlasijiet għall-użu tat-triq għandhom japplikaw tariffa għall-ispejjeż esterni għal **vetturi heavy-duty tal-anqas fuq il-parti tan-netwerk imsemmija fl-Artikolu 7(1) fejn il-ħsara ambjentali ġġenerata mill-vetturi heavy-duty tkun ogħla mill-ħsara ambjentali medja ġġenerata minn vetturi heavy-duty ddefinita skont ir-rekwiżiti rilevanti tar-rappurtar imsemmija fl-Anness IIIa.**";

Emenda 69

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7c – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 70

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7c – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Mill-1 ta' Jannar 2021, l-Istati Membri li jimponu l-ħlasijiet għall-użu tat-triq għandhom japplikaw tariffa għall-ispejjeż esterni għal **tniġġis tal-arja jew bl-istorbju minħabba t-traffiku għal vetturi heavy-duty u għal vannijiet maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija fil-partijiet kollha tan-netwerk imsemmija fl-Artikolu 7(1) li jkunu soġġetti għal tariffa għall-infrastruttura.**";

Emenda

5a. Mill-1 ta' Jannar 2026, għandha tapplika b'mod mhux diskriminatorju tariffa għall-ispejjeż esterni imposta fuq kwalunkwe sezzjoni tan-netwerk tat-toroq imsemmija fl-Artikolu 7(1) għall-kategoriji kollha ta' vetturi.

Emenda

5b. L-Istati Membri jistgħu japplikaw derogi li jippermettu li t-tariffi għall-ispejjeż esterni jiġu aġġustati għall-vetturi ta' interess storiku.

Emenda 72

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7da – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Tariffa tal-konġestjoni imposta fuq kwalunkwe sezzjoni tan-netwerk tat-toroq għandha tapplika b'mod mhux diskriminatorju għall-kategoriji kollha ta' vetturi, f'konformità mal-fatturi ta' ekwivalenza standard stabbiliti fl-Anness V.

Emenda

3. Tariffa tal-konġestjoni imposta fuq kwalunkwe sezzjoni tan-netwerk tat-toroq għandha tapplika b'mod mhux diskriminatorju għall-kategoriji kollha ta' vetturi, f'konformità mal-fatturi ta' ekwivalenza standard stabbiliti fl-Anness V. ***Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeżentaw ix-xarabanks u l-kowċis għall-promozzjoni tat-trasport kollettiv u tal-iżvilupp soċjoekonomiku u l-koeżjoni territorjali.***

Emenda 75

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7f – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) id-dħul iġġenerat mill-mark-up jiġi investit biex jiffinanzja l-konstruzzjoni tal-infrastruttura tat-trasport ***fin-netwerk ewlieni, identifikat skont il-Kapitolu III***

Emenda

(a) id-dħul iġġenerat mill-mark-up jiġi investit biex jiffinanzja l-konstruzzjoni tal-infrastruttura tat-trasport ***jew tas-servizzi tat-trasport*** li jinsabu fl-istess kuritur bħas-

tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, li tikkontribwixxi direttament biex tittaffa l-konġestjoni jew il-ħsara ambjentali u li jinsabu fl-istess kuritur bħas-sezzjoni tat-triq li fuqha tiġi applikata l-mark-up;

sezzjoni tat-triq li fuqha tiġi applikata l-mark-up;

Emenda 76

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7f – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-mark-up ma taqbiżx il-15 % tat-tariffa medja ponderata għall-infrastruttura kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 7b(1) u l-Artikolu 7e, ħlief fejn ***id-dħul iġġenerat jiġi investit f'sezzjonijiet transfruntiera tal-kurituri tan-netwerk ewlieni***, f'liema każ il-mark-up ma ***għandhiex taqbeż*** il-25 %;

Emenda

(b) il-mark-up ma taqbiżx il-15 % tat-tariffa medja ponderata għall-infrastruttura kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 7b(1) u l-Artikolu 7e, ħlief ***f iż-żoni muntanjużi, fejn it-tariffi għall-infrastruttura kif ukoll id-danni klimatiċi u ambjentali jkun akbar*** f'liema każ il-mark-up ma ***tistax taqbeż*** il-50 %;

Emenda 77

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7f – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) deskrizzjoni tal-post eżatt ta' fejn se tiġi imposta l-mark-up u prova ta' deċiżjoni li tiffinanzja ***l-kostruzzjoni ta' kurituri tan-netwerk ewlieni msemmija*** fil-punt (a) jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni qabel l-

Emenda

(d) deskrizzjoni tal-post eżatt ta' fejn se tiġi imposta l-mark-up u prova ta' deċiżjoni li tiffinanzja ***l-infrastruttura tat-trasport jew is-servizzi tat-trasport imsemmija*** fil-punt (a) jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni

applikazzjoni tal-mark-up;

qabel l-applikazzjoni tal-mark-up;

Emendi 78 u 164

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7f – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni

***1a. Fil-każ ta' proġetti transfruntiera
ġodda, il-mark-ups jistgħu jiżdiedu biss
jekk l-Istati Membri kollha involuti f'tali
proġett jaqblu.***

Emenda

imħassar

Emenda 79

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7f – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Wara li tirċievi l-informazzjoni meħtieġa minn Stat Membru li jkollu l-ħsieb li japplika mark-up, il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-membri tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 9c. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-mark-up ippjanata ma tissodisfax il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1, jew jekk tikkunsidra li l-mark-up ippjanata ser ikollha effetti avversi sinifikanti fuq l-iżvilupp ekonomiku ta' reġjuni periferiċi, hija tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiċħad jew titlob l-

Emenda

3. Wara li tirċievi l-informazzjoni meħtieġa minn Stat Membru li jkollu l-ħsieb li japplika mark-up, il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-membri tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 9c. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-mark-up ippjanata ma tissodisfax il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1, jew jekk tikkunsidra li l-mark-up ippjanata ser ikollha effetti avversi sinifikanti fuq l-iżvilupp ekonomiku ta' reġjuni periferiċi, hija tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiċħad jew titlob l-

emendar tal-pjanijiet għat-tariffi
ppreżentati mill-Istat Membru kkonċernat.
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom
jiġu adottati skont il-proċedura
konsultattiva msemmija fl-Artikolu 9c(2).

emendar tal-pjanijiet għat-tariffi
ppreżentati mill-Istat Membru kkonċernat.
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom
jiġu adottati skont il-proċedura
konsultattiva msemmija fl-Artikolu 9c(2).

***Meta applikata għas-sistemi ta' ħlas
għall-użu tat-triq imsemmija fl-
Artikolu 7e(3), il-mark-up ma għandhiex
titqies bħala emenda sostanzjali għall-
finijiet ta' din id-Direttiva.***

Emenda 80

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7f – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***4. L-ammont tal-mark-up għandu
jiġi naqqas mill-ammont tat-tariffa għall-
ispejjeż esterni kkalkulat f'konformità
mal-Artikolu 7c, ħlief għal vetturi tal-
klassijiet tal-emissjonijiet EURO 0, I u II
mill-15 ta' Ottubru 2011, III u IV mill-1
ta' Jannar 2015, V mill-1 ta' Jannar 2019
u VI minn Jannar 2023 'il quddiem. Id-
dħul kollu ġġenerat mill-applikazzjoni
simultanja tal-mark-up u t-tariffi għall-
ispejjeż esterni għandhom jiġu investiti fl-
iffinanzjar tal-kostruzzjoni ta' kurituri
tan-netwerk ewlieni elenkati fil-Parti I tal-
Anness I tar-Regolament (UE)
Nru 1316/2013.***

imħassar

Emenda 81

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 1999/62/KE

Test propost mill-Kummissjoni

(d) il-perjodi bl-aktar traffiku li matulhom jiġu imposti tariffi oġhla għall-infrastruttura bl-iskop li tonqos il-konġestjoni ma jkunux itwal minn ħames sigħat kuljum;

Emenda

(d) il-perjodi bl-aktar traffiku li matulhom jiġu imposti tariffi oġhla għall-infrastruttura bl-iskop li tonqos il-konġestjoni ma jkunux itwal minn ħames sigħat kuljum ***jew in-numru ta' sigħat li matulhom il-proporzjon ta' konġestjoni jaqbeż il-100 % tal-kapaċità;***

Emenda 82

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7g – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fejn, f'każ ta' ***kontoll***, is-sewwieq jew, jekk ikun adattat, l-operatur tat-trasport, ma ***jkunx jista' jippreżenta d-dokumenti tal-vettura meħtieġa*** biex jikkonferma l-klassi tal-emissjonijiet tal-vettura għall-finijiet tal-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu japplikaw ħlasijiet għall-użu tat-triq sal-oġhla livell li jista' jiġi impost.

Emenda

3. Fejn, f'każ ta' ***kontroll***, is-sewwieq jew, jekk ikun adattat, l-operatur tat-trasport ma ***jagħmilx ħlasijiet bl-użu ta' sistema elettronika ta' ħlas għall-użu tat-triq jew ma jkollux abbonament validu jew il-vettura tiegħu ma jkollhiex tagħmir abbord approvat mill-operatur tal-ħlas għall-użu tat-triq meħtieġ*** biex jikkonferma l-klassi tal-emissjonijiet tal-vettura għall-finijiet tal-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu japplikaw ħlasijiet għall-użu tat-triq sal-oġhla livell li jista' jiġi impost.

Emenda 83

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7g – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Fi żmien sena wara li l-Kummissjoni tippubblika d-dejta uffiċjali dwar l-emissjonijiet tas-CO₂ skont ir-Regolament (UE) .../...*****, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 9e sabiex tiddefinixxi l-valuri ta' referenza tal-emissjonijiet tas-CO₂, flimkien ma' kategorizzazzjoni xierqa tal-vetturi heavy-duty kkonċernati.

4. Fi żmien sena wara li l-Kummissjoni tippubblika d-dejta uffiċjali dwar l-emissjonijiet tas-CO₂ skont ir-Regolament (UE) .../...*****, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 9e sabiex tiddefinixxi l-valuri ta' referenza tal-emissjonijiet tas-CO₂, flimkien ma' kategorizzazzjoni xierqa tal-vetturi heavy-duty kkonċernati, ***filwaqt li jitqiesu t-teknoloġiji li jnaqqsu l-emissjonijiet.***

Emenda 84

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7g – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ tal-att delegat, l-Istati Membri għandhom ivarjaw it-tariffa għall-infrastruttura filwaqt li jqisu l-valuri ta' referenza tal-emissjonijiet tas-CO₂ u l-kategorizzazzjoni rilevanti tal-vettura. ***It-tariffi għandhom jiġu varjati b'tali mod li l-ebda tariffa tal-infrastruttura ma tkun aktar minn 100 % ogħla mill-istess tariffa għall-vetturi ekwivalenti li jkollhom l-aktar emissjonijiet baxxi ta' CO₂, iżda mhux f'livell żero. Il-vetturi b'żero emissjonijiet għandhom jibbenefikaw mit-tariffi tal-infrastruttura mnaqqsa b'75 % meta mqabbla mal-ogħla rata.***

Emenda

Fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ tal-att delegat, l-Istati Membri għandhom ivarjaw it-tariffa għall-infrastruttura filwaqt li jqisu l-valuri ta' referenza tal-emissjonijiet tas-CO₂ u l-kategorizzazzjoni rilevanti tal-vettura.

Emenda 85

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7g – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-vetturi b'żero emissjonijiet għandhom jibbenefikaw mit-tariffi għall-infrastruttura mnaqqa b'50 % meta mqabbla mar-rata l-aktar baxxa. . It-tħaddim b'żero emissjonijiet għandu jibbenefika mill-istess tnaqqis, sakemm tkun tista' tingħata prova ta' dan it-tħaddim.

Emenda 86

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7g – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4b. Il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport ta' evalwazzjoni li jivvaluta s-sehem mis-suq ta' vetturi b'żero emissjonijiet u tat-tħaddim b'żero emissjonijiet sa ... [ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9e, jekk ikun xieraq, biex tikkalkula mill-ġdid l-iskont applikabbli għall-vetturi b'żero emissjonijiet meta mqabbel mar-rata l-aktar baxxa ta' tariffi għall-infrastruttura.

Emenda 87

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7ga – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Għal vetturi **light-duty**, sal-31 ta' Diċembru 2021, l-Istati Membri jistgħu **ivarjaw** il-ħlasijiet għall-użu tat-triq u l-ħlasijiet fuq l-utenti skont il-prestazzjoni ambjentali tal-vettura.

Emenda

1. Għal vetturi **ħfief**, sal-31 ta' Diċembru 2021, l-Istati Membri jistgħu **jvarjaw** il-ħlasijiet għall-użu tat-triq u l-ħlasijiet fuq l-utenti skont il-prestazzjoni ambjentali tal-vettura.

Emenda 88

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7ga – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-Istati Membri jistgħu jqisu t-titjib tal-prestazzjoni ambjentali tal-vettura li hija marbuta mal-konverżjoni ta' dik il-vettura għal fjuwils alternattivi. Abbonament permanenti jew kwalunkwe mekkaniżmu ieħor approvat mill-operatur tas-sistema tal-ħlas għall-użu tat-triq għandhom jippermettu lill-utenti jibbenefikaw minn varjazzjoni fil-ħlasijiet għall-użu tat-triq li tippremja t-titjib fil-prestazzjoni ambjentali tal-vettura, wara l-konverżjoni.

Emenda 89

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7ga – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fejn, f'każ ta' **kontoll**, is-sewwieq jew, jekk ikun adattat, l-operatur tat-trasport, ma jkunx jista' jippreżenta d-

Emenda

3. Fejn, f'każ ta' **kontroll**, is-sewwieq jew, jekk ikun adattat, l-operatur tat-trasport **ma jkollux abbonament jew**

dokumenti tal-vettura meħtieġa biex jikkonferma l-livelli tal-emissjonijiet tal-vettura (Ċertifikat tal-Konformità) skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) .../...*****, l-Istati Membri jistgħu japplikaw ħlasijiet għall-użu tat-triq jew ħlasijiet annwali għall-utenti sal-ogħla livell li jista' jiġi impost.

kwalunkwe mekkaniżmu ieħor approvat mill-operatur jew ma jkunx jista' jippreżenta d-dokumenti tal-vettura meħtieġa biex jikkonferma l-livelli tal-emissjonijiet tal-vettura (Ċertifikat tal-Konformità) skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) .../...*****, l-Istati Membri jistgħu japplikaw ħlasijiet għall-użu tat-triq jew ħlasijiet annwali għall-utenti sal-ogħla livell li jista' jiġi impost. ***Il-preżentazzjoni sussegwenti tad-dokumenti rilevanti li jippruvaw il-livelli tal-emissjonijiet tal-vettura għandha tirriżulta fir-rimborż ta' kwalunkwe differenza bejn il-ħlasijiet għall-użu tat-triq jew it-tariffi applikati u l-ħlas għall-użu tat-triq jew it-tariffa xierqa għall-vettura kkonċernata.***

Emenda 90

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7ga – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri eċċezzjonali għall-finijiet tal-impożizzjoni ta' tariffi fuq vetturi ta' interess storiku.

Emenda 91

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7ga – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-

Artikolu 9e biex jemendaw l-Anness VII biex il-modalitajiet speċifikati fl-Anness jiġu adattati skont il-progress tekniku.

Artikolu 9e biex jemendaw l-Anness VII biex il-modalitajiet speċifikati fl-Anness jiġu adattati skont il-progress tekniku, ***u li tqis ir-rwol tal-komponenti biex isir titjib kemm fis-sikurezza tat-toroq kif ukoll fid-dekarbonizzazzjoni tat-trasport.***

Emenda 92

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt aa (ġdid)

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7h – paragrafu 1 – punt a – inċiż 3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) fl-Artikolu 7h, paragrafu 1, punt (a), jiżdied l-inċiż li ġej:

"- informazzjoni ċara dwar l-interoperabilità tat-tagħmir abbord li jinġarr abbord il-vetturi biex jiġihallu l-ħlasijiet fuq l-utenti u l-ħlasijiet għall-użu tat-triq; għandha tiddikjara r-raġunijiet għaliex tagħmir abbord li jintuża fi Stati Membri oħra ma jistax jiġi applikat mill-utenti għal dan l-arranġament ta' ħlas għall-użu tat-triq".

Emenda 93

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt a b (ġdid)

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7h – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Il-qafas kuntrattwali li jirregola r-relazzjonijiet bejn il-konċessjonanti u l-konċessjonarji għandu jkun intiż biex il-kuntratti ta' konċessjoni jsiru konformi mal-bidliet fil-qafas regolatorju tal-Unjoni jew nazzjonali b'rabta mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 7c, 7da, 7g u 7ga ta' din id-Direttiva."

Emenda 94

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt -a (ġdid)

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7i – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test fis-seħħ

2. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu roħs jew tnaqqis fuq it-tariffa għall-infrastruttura bil-kondizzjoni li:

Emenda

(-a) fil-paragrafu 2, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġejj:

2. **Għal vetturi heavy-duty u vannijiet maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija**, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu roħs jew tnaqqis fuq it-tariffa għall-infrastruttura bil-kondizzjoni li:

Emenda 95

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt a

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7i – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) roħs jew tnaqqis bħal dan ma jaqbiżx **it-13** % tat-tariffa għall-infrastruttura mħallsa minn vetturi ekwivalenti li mhumieq eliġibbli għar-roħs jew għat-

Emenda

(c) roħs jew tnaqqis bħal dan ma jaqbiżx **l-20** % tat-tariffa għall-infrastruttura mħallsa minn vetturi ekwivalenti li mhumieq eliġibbli għar-roħs jew għat-tnaqqis **u dawq użati għat-trasport lokali**

tnaqqis.";

jew abitwali, jew it-tnejn li huma.";

Emenda 96

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt aa (ġdid)

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7i – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

2a. Għall-vetturi ħfief, b'mod partikolari għall-utenti frekwenti f'żoni b'insedjamenti iżolati u fil-periferiji tal-bliet, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu skontijiet jew tnaqqis fit-tariffa għall-infrastruttura sakemm:

(a) l-istruttura li timponi t-tariffi li tirriżulta tkun proporzjonata, magħmula pubblika u disponibbli għall-utenti b'termini uguali u ma twassalx għal spejjeż addizzjonali li jiġu mgħoddija lil utenti oħrajn fl-għamla ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq ogħla;

(b) tali skontijiet u tnaqqis jikkontribwixxu

(i) għall-koeżjoni soċjali; u/jew

(ii) għall-iżgurar tal-mobilità tar-reġjuni periferiċi jew taż-żoni remoti, jew tat-tnejn li huma;

Emenda 97

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt ab (ġdid)

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7i – paragrafu 2b (ġdid)

(ab) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

2b. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jintroduċu eżenzjoni b'rata fissa abbażi tal-kilometri fuq sezzjoni speċifika ta' triq, filwaqt li jqisu x-xejriet tal-mobilità u l-interess ekonomiku tar-reġjuni periferiċi, sakemm l-istruttura li timponi t-tariffi li tirriżulta tkun proporzjonata, tkun disponibbli għall-pubbliku u tkun disponibbli għall-utenti b'termini ugwali u ma twassalx għal spejjeż addizzjonali li jiġu mgħoddija lil utenti oħra fil-forma ta' ħlasijiet ogħla għall-użu tat-triq;

Emenda 98

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7i – paragrafu 3

3. Soġġetti għall-kondizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7g(1)(b) u (5), ir-rati tal-ħlasijiet għall-użu tat-triq jistgħu, għal proġetti speċifiċi ta' interess għoli Ewropew identifikati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, ikunu soġġetti għal forum oħrajn ta' varjazzjoni sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà kummerċjali ta' dawn il-proġetti, meta dawn ikunu esposti għal kompetizzjoni diretta ma' modalitajiet oħrajn ta' trasport. L-istruttura li timponi t-tariffi u li tirriżulta għandha tkun ***lineari, proporzjonata***, magħmula pubblika u disponibbli għall-utenti kollha b'termini ugwali ***u ma għandhiex twassal biex l-ispejjeż addizzjonali jgħaddu għand utenti oħrajn fl-għamla ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq ogħla.***";

3. Soġġetti għall-kondizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7g(1)(b) u (5), ir-rati tal-ħlasijiet għall-użu tat-triq jistgħu, għal proġetti speċifiċi ta' interess għoli Ewropew identifikati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, ikunu soġġetti għal forum oħrajn ta' varjazzjoni sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà kummerċjali ta' dawn il-proġetti, meta dawn ikunu esposti għal kompetizzjoni diretta ma' modalitajiet oħrajn ta' trasport. L-istruttura li timponi t-tariffi u li tirriżulta għandha tkun magħmula pubblika u disponibbli għall-utenti kollha b'termini ugwali.";

Emenda 99

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt ba (ġdid)

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7i – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Fiż-żoni muntanjużi u fir-reġjuni periferiċi, l-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jvarjaw ir-rati tal-ħlasijiet għall-użu tat-triq għall-vetturi tqal skont id-distanza vvjaġġata mill-vetturi li jħallsu għall-użu tat-triq biex jiġu minimizzati l-impatti soċjoekonomiċi, sakemm:

(a) il-varjazzjoni skont id-distanza vvjaġġata tqis il-karatteristiċi differenti tat-trasport fuq distanzi qosra u twal, speċjalment l-opzjonijiet disponibbli għal bidla modali għal modi oħra ta' trasport.

(b) il-varjazzjoni tkun applikata b'mod mhux diskriminatorju.

(c) it-tagħmir tekniku jippermetti l-identifikazzjoni ta' punti ta' dħul u ta' ħruġ tal-vettura bejn fruntieri nazzjonali."

Emenda 100

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt a

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7j – paragrafu 1 – it-tieni sentenza

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jikkoperaw fl-istabbiliment ta' metodi li

Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jikkoperaw fl-istabbiliment ta' metodi li

jippermettu lill-utenti tat-toroq iħallsu t-tariffi għall-użu tat-triq u l-ħlasijiet fuq l-utenti 24 siegħa kuljum, ***tal-inqas f'punti tal-bejgħ ewlenin***, bl-użu ta' mezzi komuni ta' ħlas, għewwa u barra l-Istati Membri fejn ikunu applikati.";

jippermettu lill-utenti tat-toroq iħallsu t-tariffi għall-użu tat-triq u l-ħlasijiet fuq l-utenti 24 siegħa kuljum, ***kemm fil-fruntiera kif ukoll fi kwalunkwe punt ta' bejgħ ieħor, bl-opzjoni ta' riċevuta***, bl-użu ta' mezzi komuni ta' ħlas, ***inklużi mezzi elettroniċi***, għewwa u barra l-Istati Membri fejn ikunu applikati.";

Emenda 101

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt b

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7j – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Jekk Stat Membru jimponi ħlas għall-użu tat-triq fuq vettura, l-ammont totali tal-ħlas għall-użu tat-triq, l-ammont tat-tariffa għall-infrastruttura, l-ammont tat-tariffa għall-ispejjeż esterni u l-ammont għat-tariffa tal-konġestjoni, fejn jiġu applikati, għandhom jiġu indikati f'riċevuta ***pprovduta*** lill-utent tat-toroq, permezz ta' mezzi elettroniċi, sa fejn ikun possibbli.";

Emenda

3. Jekk Stat Membru jimponi ħlas għall-użu tat-triq fuq vettura, l-ammont totali tal-ħlas għall-użu tat-triq, l-ammont tat-tariffa għall-infrastruttura, l-ammont tat-tariffa għall-ispejjeż esterni u l-ammont għat-tariffa tal-konġestjoni, fejn jiġu applikati, għandhom jiġu indikati f'riċevuta, ***fuq talba, ipprovduta*** lill-utent tat-toroq, permezz ta' mezzi elettroniċi, sa fejn ikun possibbli.";

Emenda 102

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 7k – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, din id-Direttiva ma taffettwax il-libertà tal-Istati Membri li jintroduċu sistema ta' ħlasijiet għall-użu

Emenda

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, din id-Direttiva ma taffettwax il-libertà tal-Istati Membri li jintroduċu sistema ta' ħlasijiet għall-użu

tat-triq għal kumpens xieraq.";

tat-triq għal kumpens xieraq, *sakemm ma jgħawġux jew sakemm ma jkollhomx impatt negattiv fuq it-trasportaturi lokali jew abitwali, jew fuq it-tnejn li huma.*";

Emenda 103

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 a (ġdid)

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

Artikolu 8a

Monitoraġġ u rapportar

- 1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità indipendenti ta' superviżjoni tat-tariffi għall-infrastrutturi responsabbli biex tiżgura l-konformità ma' din id-Direttiva.***
- 2. L-awtorità ta' superviżjoni għandha twettaq kontrolli ekonomiċi u finanzjarji tal-kuntratti ta' konċessjonijiet, b'mod partikolari biex tiżgura l-konformità mal-Artikolu 7b.***
- 3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-ħatra tal-awtorità ta' superviżjoni.***

Emenda 104

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt -a (ġdid)

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 9 – paragrafu 2 – parti introduttorja

2. ***L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-użu ta' dħul iġġenerat minn din id-Direttiva.*** Biex is-sistema tat-trasport kollha tkun tista' tiġi żviluppata, id-dħul mit-tariffi tal-infrastruttura, jew l-ekwivalenti tiegħu f'valur finanzjarju ta' dan id-dħul għandu jintuża ***għall-benefiċċju tas-settur tat-trasport*** u biex ikun jista' jsir l-aħjar użu mis-sistema kollha tat-trasport. B'mod partikolari, id-dħul iġġenerat mit-tariffi tal-ispejjeż esterni, jew l-ekwivalenti f'valur finanzjarju ta' dak id-dħul, għandu jintuża ħalli jagħmel it-trasport aktar sostenibbli, inkluż wieħed jew aktar minn dan li ġej:

(-a) fl-Artikolu 9(2), il-parti introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

"2. Biex is-sistema tat-trasport kollha tkun tista' tiġi żviluppata, id-dħul mit-tariffi tal-infrastruttura, jew l-ekwivalenti tiegħu f'valur finanzjarju ta' dan id-dħul, għandu jintuża ***biex issir manutenzjoni u tinżamm f'kundizzjoni tajba n-netwerk tat-toroq***, u biex ikun jista' jsir l-aħjar użu mis-sistema kollha tat-trasport. B'mod partikolari, id-dħul iġġenerat mit-tariffi tal-ispejjeż esterni, jew l-ekwivalenti f'valur finanzjarju ta' dak id-dħul, għandu jintuża ħalli jagħmel it-trasport aktar sostenibbli, inkluż wieħed jew aktar minn dan li ġej."

Emenda 105

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt -aa (ġdid)

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt b

(b) jitraqqas fis-sors it-tniġġis tat-trasport bit-triq;"

(-aa) fil-paragrafu 2, il-punt b huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) jitraqqsu t-tniġġis tal-ajru mit-trasport u t-tniġġis mill-istorbju;"

Emenda 106

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt -ab (ġdid)

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-ab) fil-paragrafu 2, jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ba) jiġu ffinanzjati modi ta' trasport kollettivi u sostenibbli;"

Emenda 107

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt -ac (ġdid)

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt e

Test fis-seħħ

Emenda

(-ac) fil-paragrafu 2, il-punt e huwa sostitwit b'dan li ġej:

(e) tiġi żviluppata infrastruttura alternattiva għall-utenti tat-trasport u/jew il-kapaċità attwali li qiegħda tespandi;"

"(e) jiġu żviluppati infrastrutturi għal fjuwils alternattivi b'konformità mad-Direttiva 2014/94/UE u servizz alternattiv għall-utenti tat-trasport u/jew il-kapaċità attwali li qiegħda tespandi;"

Emenda 108

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt -ad (ġdid)

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt f

Test fis-seħħ

Emenda

(-ad) fil-paragrafu 2, il-punt f huwa sostitwit b'dan li ġej:

(f) jingħata appoġġ lin-netwerk trans-

"(f) jingħata appoġġ lin-netwerk trans-

Ewropew tat-trasport;

Ewropew tat-trasport *u jiġu eliminati l-punti ta' konġestjonijiet*;"

Emenda 109

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt -ae (ġdid)

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt h

Test fis-seħħ

Emenda

(h) tittejjeb is-sikurezza fit-toroq; u

(-ae) fil-paragrafu 2, il-punt h huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) tittejjeb is-sikurezza fit-toroq *u tal-infrastruttura tat-toroq*; u"

Emenda 110

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt -af (ġdid)

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) jiġu provduti *postijiet* tal-parkeġġ sikuri.

(-af) fil-paragrafu 2, il-punt i huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) jiġu provduti *żoni* tal-parkeġġ sikuri;
"

Emenda 111

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt b

Direttiva 1999/62/KE

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-dħul iġġenerat mit-tariffi tal-konġestjoni, jew l-ekwivalenti f'valur finanzjarju ta' dak id-dħul, għandu jintuża biex tiġi indirizzata l-problema tal-konġestjoni, ***b'mod partikolari*** billi:

Emenda

3. Id-dħul iġġenerat mit-tariffi tal-konġestjoni, jew l-ekwivalenti f'valur finanzjarju ta' dak id-dħul, għandu jintuża biex tiġi indirizzata l-problema tal-konġestjoni, ***pereżempju*** billi:

Emenda 112

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt b

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 9 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) jiġu eliminati l-punti ta' konġestjonijiet fin-netwerk trans-Ewropew tat-trasport;

Emenda

(b) jiġu eliminati l-punti ta' konġestjonijiet ***u l-konnessjonijiet neqsin fin-netwerks tagħhom, kull fejn tiġi imposta t-tariffa, u*** fin-netwerk trans-Ewropew tat-trasport;

Emenda 113

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt b

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 9 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) ***tiġi żviluppata*** infrastruttura alternattiva għall-utenti tat-trasport.";

Emenda

(c) ***jiġu żviluppati*** infrastruttura alternattiva ***u ċentri multimodali*** għall-utenti tat-trasport.";

Emenda 114

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt ba (ġdid)

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) Jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Id-dħul iġġenerat mit-tariffi għall-infrastruttura u mit-tariffi għall-ispejjeż esterni għandu jintuża fit-territorju li jkun fih is-sezzjoni tat-triq li fuqha huma applikati t-tariffi."

Emenda 115

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 9e – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati msemija fl-Artikolu 7g(4), l-Artikolu 7ga(4) u l-Artikolu 9d, għal perjodu ta' *żmien indeterminat [mid-data* tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati msemija fl-Artikolu 7g(4), l-Artikolu 7ga(4) u l-Artikolu 9d, għal perjodu ta' *5 snin minn ... [id-data* tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. *Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa sa mhux aktar tard minn*

disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' 5 snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi tal-istess tul, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Emenda 116

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18**

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 11 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu informazzjoni bl-aktar mod trasparenti u ċar dwar l-użu tad-dħul iġġenerat mill-utenti tat-toroq.

Emenda 117

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18**

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) id-dħul totali ġġenerat mill-mark-ups u fuq liema sezzjonijiet ta' toroq ġew imposti.

Emenda 118

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-Istati Membri għandhom iquieghdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku r-riżultati tal-investiment mill-ġdid tat-tariffi għall-infrastruttura u t-tariffi għall-ispejjeż esterni kif ukoll il-benefiċċji f'termini ta' żieda fis-sikurezza tat-toroq, tnaqqis tal-impatt ambjentali u tnaqqis tal-konġestjoni tat-traffiku.

Emenda 119

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18

Direttiva 1999/62/KE

Artikolu 11 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Fi żmien ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar il-bidliet fis-sehem mis-suq tal-vetturi b'żero emissjonijiet u, meta jkun meħtieġ, għandha tirrevedi skont dan it-tnaqqis applikat għal dawk il-vetturi.

Emenda 120

Proposta għal direttiva

Anness I – punt 1 – punt b – punt i – inċiż 1

Direttiva 1999/62/KE

Anness III – taqsima 2 – punt 2.1 – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni

— L-ispejjeż għandhom jiġu allokat i għal **vetturi heavy duty** fuq bażi oġġettiva u trasparenti billi jitqies il-proporzjon ta' traffiku **ta' vetturi heavy-duty** li **jiċċirkola** fuq in-netwerk u l-ispejjeż marbuta ma' dan. L-għadd ta' kilometri tal-vettura vvjaġġati minn vetturi heavy duty, jista' għal dan l-għan jiġi aġġustat b'"fatturi ta' ekwivalenza" oġġettivament ġustifikati bħal dawk stabbiliti fil-punt 4 (*).

Emenda

— L-ispejjeż għandhom jiġu allokat i għal **kull tip ta' vettura** fuq bażi oġġettiva u trasparenti billi jitqies il-proporzjon ta' traffiku **għal kull tip ta' vettura** li **tiċċirkola** fuq in-netwerk u l-ispejjeż marbuta ma' dan. L-għadd ta' kilometri tal-vettura vvjaġġati minn vetturi heavy duty, jista' għal dan l-għan jiġi aġġustat b'"fatturi ta' ekwivalenza" oġġettivament ġustifikati bħal dawk stabbiliti fil-punt 4 (*).

Emenda 121

Proposta għal direttiva

Anness I – punt 1 – punt b – punt i – inċiż 2

Direttiva 1999/62/KE

Anness III – taqsim 2 – punt 2.2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

— Dawn l-ispejjeż għandhom jiġu allokat i bejn il-vetturi heavy duty u **vetturi** ħfief **oħrajn** ta' ishma reali u mbassra ta' kilometri tal-vettura u jistgħu jiġu aġġustati b'fatturi ta' ekwivalenza ġustifikati b'mod oġġettiv bħal dawk imniżżla fil-punt 4.";

Emenda

— Dawn l-ispejjeż għandhom jiġu allokat i bejn il-vetturi heavy duty u **L-vetturi** ħfief **abbażi** ta' ishma reali u mbassra ta' kilometri tal-vettura u jistgħu jiġu aġġustati b'fatturi ta' ekwivalenza ġustifikati b'mod oġġettiv bħal dawk imniżżla fil-punt 4.";

Emenda 122

Proposta għal direttiva

Anness I – paragrafu 1 – punt c

Direttiva 1999/62/KE

Anness IIIa – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Fejn Stat Membru jkun beħsiebu jimponi tariffa għall-ispejjeż esterni fuq parti waħda jew fuq xi partijiet biss tan-netwerk tat-toroq mis-sehem tiegħu fin-netwerk trans-Ewropew u l-awtostradi tiegħu, il-parti jew il-partijiet għandhom jintgħażlu wara valutazzjoni li tistabbilixxi li:

imħassar

- l-użu tat-toroq mill-vetturi fejn tapplika t-tariffa għall-ispejjeż esterni, jiġġenera ħsara ambjentali ogħla minn dik iġġenerata fil-medja vvalutata f'konformità mar-rappurtar dwar il-kwalità tal-arja, l-inventarji tal-emissjonijiet nazzjonali, il-volumi tat-traffiku u, għall-istorbju, f'konformità mad-Direttiva 2002/49/KE, jew

- l-impożizzjoni ta' tariffa għall-ispiża esterna fuq partijiet oħrajn tan-netwerk tat-toroq ta' dan it-tip jista' jkollha effetti negattivi fuq l-ambjent jew is-sikurezza fit-toroq, jew l-imposta u l-ġbir ta' tariffa għall-ispiża esterna fuqhom tkun tinvolvi spiża sproporzjonata.

Emenda 123

Proposta għal direttiva

Anness I – paragrafu 1 – punt c

Direttiva 1999/62/KE

Anness IIIa – paragrafu 2

2. Il-vetturi, it-toroq u l-perijodu ta' żmien kopert

2. Il-vetturi, it-toroq u l-perijodu ta' żmien kopert

Meta Stat Membru jkun biħsiebu japplika tariffi ogħla għall-ispejjeż esterni mill-valuri minimi speċifikati fl-Anness IIIb, huwa għandu jgħarraf lill-Kummissjoni dwar il-klassifikazzjoni tal-vetturi li skontha jvarjaw it-tariffi għall-ispejjeż esterni. Huwa għandu jinnotifika wkoll lill-Kummissjoni dwar il-lok ta' toroq soġġetti għal tariffi ogħla għall-ispiża esterna (minn issa 'l

quddiem imsejħa "toroq suburbani (inklużi l-awtostradi)"), u ta' toroq soġġetti għal tariffi aktar baxxi għall-ispiża esterna (minn issa 'l quddiem imsejħa "toroq interurbani (inklużi l-awtostradi)").

Fejn applikabbli, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-perijodi ta' żmien eżatti li jikkorrispondu għall-perijodu ta' billejl li matulu tista' tiġi imposta tariffa esterna ogħla għall-ispiża tal-istorbju biex tirrifletti storbju u fastidju akbar.

Il-klassifika tat-toroq bħala toroq suburbani (inklużi l-awtostradi) u toroq interurbani (inklużi l-awtostradi), u d-definizzjoni tal-perjodi ta' żmien għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi relatati mal-livell ta' esponiment tat-toroq u l-viċinati tagħhom għat-tniġġis bħad-densità tal-popolazzjoni, il-medja annwali tat-tniġġis tal-arja (b'mod partikolari għal PM10 u NO2) u l-għadd ta' jiem (għal PM10) u sigħat (għal NO2) li fih l-valuri ta' limitu stabbiliti fid-Direttiva 2008/50/KE jinqabżu. Il-kriterji użati għandhom jiġu inklużi fin-notifika.

Il-klassifika tat-toroq bħala toroq suburbani (inklużi l-awtostradi) u toroq interurbani (inklużi l-awtostradi), u d-definizzjoni tal-perjodi ta' żmien għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi relatati mal-livell ta' esponiment tat-toroq u l-viċinati tagħhom għat-tniġġis bħad-densità tal-popolazzjoni, il-medja annwali tat-tniġġis tal-arja (b'mod partikolari għal PM10 u NO2) u l-għadd ta' jiem (għal PM10) u sigħat (għal NO2) li fih l-valuri ta' limitu stabbiliti fid-Direttiva 2008/50/KE jinqabżu. Il-kriterji użati għandhom jiġu inklużi fin-notifika.

Emenda 124

Proposta għal direttiva Anness I – paragrafu 1 – punt c

Direttiva 1999/62/KE

Anness IIIa – tabella 3 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Tabella 3: Valuri minimi tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-vetturi tal-passiġġieri (€/vkm)

<i>Vettura</i>	<i>Magna</i>	<i>Klassi-EURO</i>	<i>Suburbana</i>	<i>Interurbana</i>
<i>Karozzi li jaħdmu bid-diżil</i>	<i><1.4l</i>	<i>Euro 2</i>	<i>1.9</i>	<i>0.9</i>
		<i>Euro 3</i>	<i>1.6</i>	<i>0.9</i>

<i>Karozzi li jaħdmu bil-petrol</i>	<i>1,4-2,0l</i>	<i>Euro 4</i>	<i>1.3</i>	<i>0.7</i>
		<i>Euro 5</i>	<i>0.9</i>	<i>0.5</i>
		<i>Euro 6</i>	<i>0.6</i>	<i>0.3</i>
		<i>Euro 0</i>	<i>3.6</i>	<i>1.0</i>
		<i>Euro 1</i>	<i>1.9</i>	<i>0.9</i>
		<i>Euro 2</i>	<i>1.8</i>	<i>0.8</i>
		<i>Euro 3</i>	<i>1.7</i>	<i>0.9</i>
		<i>Euro 4</i>	<i>1.4</i>	<i>0.7</i>
		<i>Euro 5</i>	<i>0.9</i>	<i>0.5</i>
		<i>Euro 6</i>	<i>0.6</i>	<i>0.3</i>
	<i>>2,0l</i>	<i>Euro 0</i>	<i>3.9</i>	<i>1.3</i>
		<i>Euro 1</i>	<i>1.9</i>	<i>0.9</i>
		<i>Euro 2</i>	<i>1.8</i>	<i>0.9</i>
		<i>Euro 3</i>	<i>1.7</i>	<i>0.9</i>
		<i>Euro 4</i>	<i>1.4</i>	<i>0.7</i>
		<i>Euro 5</i>	<i>0.9</i>	<i>0.5</i>
		<i>Euro 6</i>	<i>0.6</i>	<i>0.3</i>
	<i><1,4l</i>	<i>Euro 0</i>	<i>3.7</i>	<i>2.4</i>
		<i>Euro 1</i>	<i>1.0</i>	<i>0.4</i>
		<i>Euro 2</i>	<i>0.7</i>	<i>0.3</i>
		<i>Euro 3</i>	<i>0.5</i>	<i>0.2</i>
		<i>Euro 4</i>	<i>0.5</i>	<i>0.2</i>
		<i>Euro 5</i>	<i>0.5</i>	<i>0.2</i>
		<i>Euro 6</i>	<i>0.5</i>	<i>0.2</i>
	<i>1,4-2,0l</i>	<i>Euro 0</i>	<i>3.9</i>	<i>3.0</i>
		<i>Euro 1</i>	<i>1.1</i>	<i>0.4</i>
		<i>Euro 2</i>	<i>0.7</i>	<i>0.3</i>
		<i>Euro 3</i>	<i>0.5</i>	<i>0.2</i>
		<i>Euro 4</i>	<i>0.5</i>	<i>0.2</i>
		<i>Euro 5</i>	<i>0.4</i>	<i>0.2</i>
		<i>Euro 6</i>	<i>0.4</i>	<i>0.2</i>
	<i>>2,0l</i>	<i>Euro 0</i>	<i>4.0</i>	<i>3.0</i>
		<i>Euro 1</i>	<i>1.0</i>	<i>0.4</i>
		<i>Euro 2</i>	<i>0.5</i>	<i>0.3</i>

<i>Euro 3</i>	<i>0.5</i>	<i>0.2</i>
<i>Euro 4</i>	<i>0.5</i>	<i>0.2</i>
<i>Euro 5</i>	<i>0.4</i>	<i>0.2</i>
<i>Euro 6</i>	<i>0.4</i>	<i>0.2</i>

Emenda 125

Proposta għal direttiva

Anness I – paragrafu 1 – punt c

Direttiva 1999/62/KE

Anness IIIa – tabella 4 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Tabella 4: Valuri minimi tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-vetturi light-duty (€ct/vkm)

<i>Vettura</i>	<i>Klassi-EURO</i>	<i>Suburbana</i>	<i>Interurbana</i>
<i>Vetturi kummerċjali ħfief li jaħdmu bil-petrol</i>	<i>Euro 1</i>	<i>2.4</i>	<i>0.7</i>
	<i>Euro 2</i>	<i>1.9</i>	<i>0.4</i>
	<i>Euro 3</i>	<i>1.8</i>	<i>0.4</i>
	<i>Euro 4</i>	<i>1.7</i>	<i>0.3</i>
	<i>Euro 5</i>	<i>1.6</i>	<i>0.3</i>
	<i>Euro 6</i>	<i>1.6</i>	<i>0.3</i>
<i>Vetturi kummerċjali ħfief li jaħdmu bid-diżil</i>	<i>Euro 1</i>	<i>4.0</i>	<i>1.7</i>
	<i>Euro 2</i>	<i>4.1</i>	<i>1.7</i>
	<i>Euro 3</i>	<i>3.5</i>	<i>1.3</i>
	<i>Euro 4</i>	<i>3.0</i>	<i>1.1</i>
	<i>Euro 5</i>	<i>2.2</i>	<i>0.8</i>
	<i>Euro 6</i>	<i>1.9</i>	<i>0.5</i>

Emenda 126

Proposta għal direttiva Anness I – paragrafu 1 – punt d

Direttiva 1999/62/KE

Anness IIb – Titolu

Test propost mill-Kummissjoni

VALURI ***TA' REFERENZA*** TAT-TARIFFA GĦALL-ISPEJJEŻ ESTERNI

Dan l-Anness jistipula l-valuri ***ta' referenza*** tat-tariffi għall-ispejjeż esterni, inklużi l-ispejjeż tat-tniġġis tal-arja u tal-istorbju.

Emenda

VALURI ***MINIMI*** TAT-TARIFFA GĦALL-ISPEJJEŻ ESTERNI

Dan l-Anness jistipula l-valuri ***minimi*** tat-tariffi għall-ispejjeż esterni, inklużi l-ispejjeż tat-tniġġis tal-arja u tal-istorbju.

Emenda 127

Proposta għal direttiva Anness I – punt 1 – punt d

Direttiva 1999/62/KE

Anness IIb – Tabella 1 – Titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Tabella 1: valuri ***ta' referenza*** tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-vetturi tqal tal-merkanzija

Emenda

Tabella 1: valuri ***minimi*** tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-vetturi tqal tal-merkanzija

Emenda 128

Proposta għal direttiva Anness I – punt 1 – punt d

Direttiva 1999/62/KE

Anness IIb – Tabella 2 – Titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Tabella 2: valuri **ta' referenza** tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-kowċis

Emenda

Tabella 2: valuri **minimi** tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-kowċis

Emenda 129

**Proposta għal direttiva
Anness I – punt 1 – punt d**

Direttiva 1999/62/KE

Anness IIIb – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-valuri tat-Tabelli 1 u 2 jistgħu jiġu mmultiplikati b'fattur ta' **2 jew inqas** f'żoni muntanjużi u madwar l-agglomerazzjonijiet sa fejn dan ikun ġustifikat minn **dispersioni** aktar baxxa, l-inklinazzjoni tat-toroq, l-altitudni jew l-inverżjonijiet tat-temperatura.;

Emenda

Il-valuri tat-Tabelli 1 u 2 jistgħu jiġu mmultiplikati b'fattur ta' **referenza ta' mhux aktar minn 4** f'żoni muntanjużi u madwar l-agglomerazzjonijiet sa fejn dan ikun ġustifikat minn **dispersioni** aktar baxxa, l-inklinazzjoni tat-toroq, l-altitudni jew l-inverżjonijiet tat-temperatura. **Jekk ikun hemm evidenza xjentifika għal fattur akbar għaż-żoni muntanjużi jew għall-agglomerazzjonijiet, dan il-valur ta' referenza jista' jiżdied abbażi ta' ġustifikazzjoni dettaljata.**

Emenda 130

**Proposta għal direttiva
Anness I – punt 1 – punt ea (ġdid)**

Direttiva 1999/62/KE

Anness IV – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

(ea) fl-Anness IV, jiżdied il-paragrafu li ġej:

Għall-vetturi kollha b'mutur li jaħdmu bi fjuwils alternattivi, il-piż massimu awtorizzat jiżdied minħabba l-piż addizzjonali meħtieġ għat-teknoloġija ta' fjuwils alternattivi b'massimu ta'

tunnellata.

Emenda 131

**Proposta għal direttiva
Anness I – punt 2**

Direttiva 1999/62/KE

Anness V – taqsima 1 – punt c – tabella 2 – kolonna 1 – ringiela 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Karozzi tal-linja u kowċis	Karozzi tal-linja u kowċis
2.5	1.5